



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.3.2015
COM(2015) 117 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**Eżenzjonijiet mogħtija mill-Istati Membri skont ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007
dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferrovija**

Applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1371/2007 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferrovija: eżenzjonijiet mogħtija mill-Istati Membri skont l-Artikolu 2 tar-Regolament

INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji¹ ("ir-Regolament") daħal fis-seħħ fit-3 ta' Diċembru 2009. L-għan tar-Regolament huwa li jħares id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ferrovija fl-UE, b'mod partikolari meta jkun hemm xi tfixkil waqt l-ivjaġġar, u li jtejjeb il-kwalità u l-effettività tas-servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri.

Fil-prinċipju, ir-Regolament japplika għas-servizzi ferrovjarji kollha tal-passiġġieri fl-UE, iżda biex dan jidħol fis-seħħ gradwalment, l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jagħtu eżenzjonijiet għas-servizzi ferrovjarji domestiċi fuq distanza twila tal-passiġġieri. Fid-dawl tal-karattru speċifiku tas-servizzi ferrovjarji urbani, suburbani u reġjonali tal-passiġġieri, ir-Regolament jippermetti li l-Istati Membri jeżentaw dawn is-servizzi mill-applikazzjoni tar-Regolament.

Għalhekk, l-Artikolu 2 tar-Regolament jippermetti li l-Istati Membri jeżentaw ċerti servizzi mill-applikazzjoni sħiħa tar-Regolament:

1. L-Artikolu 2(4): is-servizzi ferrovjarji domestiċi tal-passiġġieri għal perjodu massimu ta' ħames snin, li jiġġedded darbtejn, (bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet inniżżla fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament);
2. L-Artikolu 2(5): is-servizzi ferrovjarji urbani, suburbani u reġjonali tal-passiġġieri (bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet inniżżla fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament);
3. L-Artikolu 2(6): is-servizzi jew il-vjaġġi ferrovjarji tal-passiġġieri li parti konsiderevoli minnhom titħaddem barra mill-UE għal mhux aktar minn ħames snin. Din l-eżenzjoni tista' tiġġedded.

L-Artikolu 2(7) jistieden lill-Kummissjoni biex tipprovdi rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-eżenzjonijiet mogħtija mill-Istati Membri skont il-paragrafi 4, 5 u 6 tal-Artikolu 2.

I. STATUS QUO TAL-EŻENZJONIJIET

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament fit-3 ta' Diċembru 2009, sa tmiem l-ewwel perjodu ta' ħames snin, jiġifieri t-2 ta' Diċembru 2014

Dwar l-istat ġenerali tal-applikazzjoni tar-Regolament, wieħed jista' jinnota li bħalissa erba' Stati Membri qed japplikawh bis-sħiħ, filwaqt li 22 Stat Membru taw tipi differenti ta' eżenzjonijiet. Ir-rapport se jħares fid-dettall lejn is-sitwazzjoni tas-servizzi ferrovjarji differenti tal-passiġġieri li jeżistu fl-Istati Membri.

¹ ĠU L 315, 3.12.2007, p. 14.

1. Servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri mħaddma fil-livell nazzjonali (is-servizzi domestiċi, urbani, suburbani u reġjonali)

Dwar kif ingħataw l-eżenzjonijiet fl-Istati Membri matul l-ewwel perjodu ta' ħames snin, jistgħu jsiru d-distinzjonijiet li ġejjin²:

1) *Applikazzjoni sħiħa tar-Regolament mingħajr eżenzjonijiet*

Erba' Stati Membri biss iddeċidew li japplikaw bis-sħiħ ir-Regolament mingħajr ma jitolbu l-ebda eżenzjoni: *id-Danimarka, l-Italja, il-Pajjiżi l-Baxxi u s-Slovenja*.

2) *Eżenzjoni tas-servizzi kollha (domestiċi, urbani, suburbani u reġjonali)*

Ħames Stati Membri ddeċidew li jadottaw eżenzjonijiet sħaħ biex japplikaw biss id-dispożizzjonijiet obbligatorji msemija fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament³: *il-Bulgarija, Franza, l-Irlanda, il-Latvja u r-Rumanija*.

3) *Eżenzjoni parzjali*

- **Eżenzjonijiet mogħtija skont it-tip ta' servizz (domestiku jew urban, suburban u reġjonali)**

- *Eżenzjoni tas-servizzi domestiċi iżda mhux ta' daww urbani, suburbani u reġjonali*

Tliet Stati Membri taw eżenzjonijiet għas-servizzi domestiċi fuq distanza twila tagħhom, iżda mhux għas-servizzi urbani, suburbani jew reġjonali tagħhom: *il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka u l-Litwanja*.

- *Eżenzjoni tas-servizzi urbani, suburbani u reġjonali iżda mhux ta' daww domestiċi*

Ħames Stati Membri ma applikaw l-ebda eżenzjoni għas-servizzi domestiċi (fuq distanza twila), iżda applikawhom biss għas-servizzi urbani, suburbani u reġjonali: *l-Awstrija, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Lussemburgu u l-Isvezja*.

- **Eżenzjonijiet mogħtija skont it-tip ta' rekwiżit (jiġifieri skont l-Artikolu)**

- *Eżenzjonijiet mogħtija għal ċerti Artikoli dwar ċerti servizzi*

Il-Belġju eżenta biss is-servizzi nazzjonali tiegħu fuq distanza twila mid-dritt ta' informazzjoni matul il-vjaġġ skont il-Parti II tal-Anness II tar-Regolament. *Spanja* eżentat biss is-servizzi domestiċi tagħha fuq distanza twila mill-Artikolu 27 dwar it-trattament tal-ilmenti.

² Malta u Ċipru ma għandhomx servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri.

³ Skont l-Artikolu 2(3), l-Artikoli 9, 11, 12, 19, 20(1) u 26 japplikaw għas-servizzi ferrovjarji kollha tal-passiġġieri fl-UE.

- *Eżenzjonijiet mogħtija għal għadd ta' Artikoli dwar is-servizzi nazzjonali kollha*

Disa' Stati Membri taw eżenzjonijiet dwar Artikoli speċifiċi: *il-Kroazja*⁴, *l-Estonja*, *il-Greċja*, *l-Ungerija*, *il-Polonja*, *il-Portugall*, *Spanja*, *is-Slovakkja* u *r-Renju Unit*.

2. Servizzi transfruntiera ma' pajjiżi terzi

Għaxar Stati Membri taw eżenzjoni sħiħa jew parzjali skont l-Artikolu 2(6) lis-servizzi jew lill-vjaġġi ferrovjarji tal-passiġġieri li parti konsiderevoli minnhom issir barra mill-UE: *il-Bulgarija*, *il-Kroazja*, *l-Estonja*, *il-Finlandja*, *il-Greċja*, *l-Ungerija*, *il-Latvja*, *il-Litwanja*, *il-Polonja* u *r-Rumanija*. Dan ifisser li daww il-pajjiżi kollha li għandhom servizzi transfruntiera ma' pajjiżi terzi eżentaw dawn is-servizzi mill-applikazzjoni tar-Regolament fit-territorju tagħhom.

3. Elementi addizzjonali

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri li eżentaw is-servizzi domestiċi fuq distanza twila tagħhom taw eżenzjonijiet skont l-Artikoli 8, 10, 13, 15, 17 u 18. Min-naħa l-oħra, il-maġġoranza tal-Istati Membri li eżentaw is-servizzi ferrovjarji urbani, suburbani u reġjonali tal-passiġġieri taw eżenzjonijiet skont l-Artikoli 8, 10, 15, 16, 17 u 18. L-Istati Membri ma jridux jipprovdu ġustifikazzjoni speċifika għall-adozzjoni tal-eżenzjonijiet, iżda jridu jagħmlu dan b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju. Jidher biċ-ċar li l-eżenzjonijiet ingħataw l-aktar għal daww l-Artikoli li jitiqiesu l-aktar għalja, jiġifieri daww relatati mal-ħlasijiet bil-quddiem f'każ ta' inċidenti (l-Artikolu 13) u daww relatati mar-responsabbiltà f'każ ta' dewmien, konnessjonijiet mitlufa u tħassir u għalhekk li joffru rimborż, kumpens u assistenza (l-Artikoli 15, 16, 17 u 18). Barra minn hekk, l-Artikoli 8 (dwar l-informazzjoni) u 10 (dwar l-informazzjoni u s-sistemi ta' riservazzjoni) jistgħu jitiqiesu li huma ta' piż żejjed jew għalja żejjed jekk jinħtieġu vetturi ferrovjarji jew sistemi kompjuterizzati ġodda jew rinnovati biex jikkonformaw mal-obbligi previsti f'dawn l-Artikoli.

Is-sommarju ta' hawn fuq juri li l-użu ta' eżenzjonijiet, partikolarment għas-servizzi domestiċi, wassal għal geġwiġija ta' drittijiet differenti għall-passiġġieri ferrovjarji fl-UE, minħabba li l-leġislazzjonijiet nazzjonali differenti japplikaw fin-nuqqas ta' sett uniku ta' drittijiet tal-passiġġieri tal-UE. Fil-konklużjonijiet tar-rapport tagħha tal-14 ta' Awwissu 2013 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tar-Regolament⁵, il-Kummissjoni diġà kienet qieset "l-użu estensiv ta' eżenzjonijiet bħala ostaklu serju biex jitwettqu l-oġettivi tar-Regolament", jiġifieri t-titjib tal-kwalità u l-effettività tas-servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri. L-eżenzjonijiet fl-Istati Membri jipprevjenu l-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi għall-impriżi ferrovjarji fl-UE. Barra minn hekk, dawn

⁴ L-adeżjoni tal-Kroazja mal-UE saret fl-1 ta' Lulju 2013. Il-Kroazja adottat eżenzjonijiet dwar id-dħul fis-seħħ tar-Regolament, mid-data tal-adeżjoni tagħha sa tmiem l-ewwel perjodu ta' ħames snin, jiġifieri sat-2 ta' Diċembru 2014.

⁵ COM(2013) 587 final, 14.8.2013.

iċaħħdu lill-passiġġieri ferrovjarji miċ-ċertezza legali u mit-tgawdija tad-drittijiet tagħhom.

Fl-aħħar ta' dan ir-Rapport⁶ hemm tabella ta' sommarju li turi s-sitwazzjoni tal-eżenzjonijiet minn Novembru 2014.

II. PREVIŻJONIJIET GĦAL WARJA T-3 TA' DIĊEMBRU 2014

Ir-Rapport qed iqis ukoll is-sitwazzjoni fil-ġejjieni dwar l-applikazzjoni tar-Regolament u partikolarment it-tiġdid potenzjali tal-eżenzjonijiet mill-Istati Membri. Skont l-informazzjoni li waslet mingħand l-Istati Membri, is-sitwazzjoni mhux se tinbidel b'mod sinifikanti wara t-3 ta' Diċembru 2014, b'potenzjalment ħames Stati Membri biss li se japplikaw ir-Regolament bis-sħiħ u 21 li se jkomplu jagħtu tipi differenti ta' eżenzjonijiet

L-Istati Membri jistgħu jġeddu l-eżenzjonijiet skont l-Artikolu 2(4) u (6) tar-Regolament iżda jridu jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kull estensjoni wara t-3 ta' Diċembru 2014. L-istess japplika għad-disa' Stati Membri li għażlu l-perjodu ta' ħames snin ta' eżenzjonijiet għas-servizzi urbani, suburbani u reġionali skont l-Artikolu 2(5) bil-possibbiltà ta' tigdid⁷.

F'dan il-kuntest, l-Istati Membri ġew mistoqsija dwar l-intenzjonijiet tagħhom fil-kuntest tat-tnaqqis jew it-tiġdid tal-eżenzjonijiet⁸.

Mill-informazzjoni riċevuta, jidher li erba' Stati Membri beħsiebhom inaqqsu n-numru ta' Artikoli li ngħataw eżenzjonijiet skonthom matul il-perjodu ta' ħames snin li jmiss: *il-Belġju*, *il-Bulgarija*, *l-Estonja* u *l-Polonja*. Fil-każ tal-*Belġju*, dan se jwassal għall-applikazzjoni sħiħa tar-Regolament għas-servizzi ferrovjarji kollha tal-passiġġieri.

12-il Stat Membru beħsiebhom iżommu l-*istatus quo* tal-eżenzjonijiet tagħhom għal perjodu ieħor ta' ħames snin: *l-Awstrija*, *Franza*, *il-Finlandja*, *il-Ġermanja*, *il-Greċja*, *il-Kroazja*, *l-Ungerija*, *il-Litwanja*, *il-Latvja*, *ir-Rumanija*, *ir-Repubblika Ċeka* u *s-Slovakkja*. Ir-Renju Unit avża li se jestendi l-eżenzjonijiet eżistenti fuq bażi provviżorja u li matul l-2015 se jwettaq konsultazzjonijiet u reviżjoni qabel ma jiddeċiedi jekk iġeddidx jew le l-eżenzjonijiet jew inkella jneħħihomx kompletament jew parzjalment. *Id-Danimarka*, *l-Italja*, *il-Pajjiżi l-Baxxi* u *s-Slovenja* diġà japplikaw bis-sħiħ ir-Regolament.

L-Isvezja li qabel ma kinitx speċifikat l-eżenzjonijiet li se tapplika għas-servizzi urbani, suburbani jew reġionali, issa informat lill-Kummissjoni bil-pjanijiet tagħha li teżenta dawn is-servizzi minn ċerti Artikoli tar-Regolament.

Filwaqt li xi Stati Membri għadhom ma nnotifikawx uffiċjalment it-tiġdid jew it-tneħħija tal-eżenzjonijiet skont l-Artikolu 2(7) tar-Regolament, jista' jiġi stmat li s-sitwazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-Regolament għas-servizzi ferrovjarji domestiċi tal-passiġġieri mhux se tinbidel b'mod sostanzjali wara l-ewwel perjodu ta' ħames snin. Dan ifisser li l-protezzjoni tal-passiġġieri skont ir-Regolament se titjeb biss

⁶ Il-lista ta' eżenzjonijiet hija bbażata fuq l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri.

⁷ Il-Bulgarija, il-Kroazja, l-Estonja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Latvja, il-Portugall u Spanja.

⁸ Mhux qed jitniżżlu l-Istati Membri li għadhom ma wegħbux l-istħarriġ informali.

b'mod moderat għal dawn is-servizzi, jew xejn affattu. L-istess sitwazzjoni tapplika għas-servizzi u l-vjaġġi internazzjonali fejn parti importanti ssir barra mill-UE.

Bħala konklużjoni, jista' jingħad li l-Istati Membri taw eżenzjonijiet estensivi matul l-ewwel ħames snin tal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1371/2007 u fil-futur wieħed jista' jistenna biss xi titjib żgħir ħafna. Għalhekk, għad fadal ħafna biex jinkisbu kundizzjonijiet ekwi għall-impriżi ferrovjarji u livell għoli ta' protezzjoni għall-passiġġieri fl-UE.

**Ir-Regolament Nru 1371/2007 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ferrovija
L-ANNEX I Tabella ta' Sommarju - Informazzjoni dwar l-eżenzjonijiet nazzjonali
(is-sitwazzjoni f'Novembru 2014)**

Pajjiż	Servizzi Ferrovjarji Domestiċi			Servizzi urbani, suburbani u reġjonali			Servizzi ferrovjarji internazzjonali li hawn mill-fruntieri esterni tal-UE		
	Iva		Le	Iva		Le	Iva		Le
	Eżenzjonijiet	Limitu ta' żmien		Eżenzjonijiet	Limitu ta' żmien		Eżenzjonijiet	Limitu ta' żmien	
L-Awstrija			x	Hilief dawk stipulati fl-Artikolu 2(3), l-eżenzjonijiet japplikaw għall-Artikoli 16, 17, 18(4), 28, 15 flimkien mat-Titolu IV tal-Kapitolu II tal-Anness I: limitu ta' spejjeż ta' EUR 80 għal-lukanda u ta' EUR 50 għat-taksi (mhux applikabbli għall-persuni b'diżabbiltà)	bla limitu				x
Il-Belġju	Il-Parti II tal-Anness II	5 snin				x			x
Il-Bulgarija	Id-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament hilief dawk stipulati fl-Artikolu 2(3)	5 snin		Id-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament hilief dawk stipulati fl-Artikolu 2(3)	5 snin		Id-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament hilief dawk stipulati fl-Artikolu 2(3)	5 snin	
Ir-Repubblika Ċeka	L-Artikoli 8, 10, 17 18(2)(a) u (b), 18(3), l-Artikoli 7(2)(b), 17(2)(b), 24(3)(b), 32 tal-Anness I u l-Anness II	5 snin				x			x
Il-Kroazja	L-Artikoli 13,15,16,17,18,25 u 28	sat-3.12.2014 li jista' jiġi estiż	x	L-Artikoli 13, 15, 16, 17, 18, 25 u 28	sat-3.12.2014 li jista' jiġi estiż	x	L-Artikoli 13,15,16,17,18,25 u 28	sat-3.12.2014 li jista' jiġi estiż	x
Id-Danimarka			x			x			x
L-Estonja	L-Artikoli 8, 10, 13(2), 15, 16, 17, 18(2), (4) u (5), 20(2), 21, 22, 23, 24 u 25	sat-3.12.2014		L-Artikoli 8, 10, 13(2), 15, 16, 17, 18(2), (4) u (5), 20(2), 21, 22, 23, 24 u 25	sat-3.12.2014		L-Artikoli 8, 10, 13(2), 15, 16, 17, 18(2), (4) u (5), 20(2), 21, 22, 23, 24 u 25	sat-3.12.2014	
Il-Finlandja			x	Rigward is-servizzi reġjonali limitati għar-Reġjun Metropolitan ta' Helsinki (Helsinki-Kirkkonummi, Helsinki-Karjaa, Helsinki-Vantaankoski, Helsinki-Riihimäki, Helsinki-Lahti u Lahti-Riihimäki) u relatati biss mal-Artikoli 10, 17, 18(2)(a) u (b)	bla limitu		Dawk l-eżenzjonijiet relatati biss mas-servizzi lejn u mir-Russja	5 snin (sa 12/2014)	
Franza	Id-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament hilief dawk stipulati fl-Artikolu 2(3)	sat-3.12.2014 li jista' jiġi estiż		Id-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament hilief dawk stipulati fl-Artikolu 2(3)	bla limitu				x
Il-Ġermanja			x	L-Artikolu 8(2), l-Artikoli 15 - 18 (modifiki), 18(2) a), 27(3), 28, 29 (1) l-ewwel sentenza, u għas-servizzi li jsiru prinċipalment minħabba l-importanza storika tagħhom jew minħabba t-turiżmu	bla limitu				x
Il-Greċja	L-Artikoli 13, 15, 16, 17, 18 u 28	5 snin		L-Artikoli 13, 15, 16, 17, 18 u 28	5 snin		L-Artikoli 13, 15, 16, 17, 18 u 28 relatati mas-servizzi għas-Serbja, pajjiżi oħra mill-FYROM u t-Turkija	5 snin	
L-Ungerija	L-Artikoli 8(2), 10(1), (2) u (4), 17, 18(2)(a) u (b), 18(5), 21(1) u 23	5 snin		Id-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament hilief dawk stipulati fl-Artikolu 2(3)	5 snin		L-Artikoli 10(1), (2) u (4), 18(2)(a) u (b), 18(5), 21(1) u 23	5 snin	
L-Irlanda	Id-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament hilief dawk stipulati fl-Artikolu 2(3)	5 snin		Id-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament hilief dawk stipulati fl-Artikolu 2(3)	5 snin		mhux applikabbli		
L-Italja			x			x			x
Il-Latvja	Id-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament hilief dawk stipulati fl-Artikolu 2(3)	5 snin		Id-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament hilief dawk stipulati fl-Artikolu 2(3)	5 snin		Mhux applikabbli għas-servizzi bejn stazzjonijiet li jinsabu fil-Latvja u f'pajjiżi terzi	5 snin	
Il-Litwanja	L-Artikoli 8 (2) u (3) (l-Anness II), 13, 21, 22, 23 u 24 mhux applikabbli	sat-3.12.2014				x	Id-dispożizzjonijiet kollha mhux applikabbli għas-servizzi ferrovjarji internazzjonali, meta dawn is-servizzi jiġu pprovduti barra Stat Membru tal-UE, li mill-inqas jinkludu waqfa waħda skont l-iskeċta taż-żmien	5 snin	
Il-Lussemburgu			x	Id-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament hilief dawk stipulati fl-Artikolu 2(3)	bla limitu				x
Il-Pajjiżi l-Baxxi			x			x			x
Il-Polonja	Id-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament hilief dawk stipulati fl-Artikoli 4, 5, 7, 8(1), 9, 11, 12, 16, 19, 20(1), 21(2), 22, 23, 24, 25, 26, 27, 28, 29. Għas-servizzi mwettqa bil-ferroviji: Ekspres, InterCity, Express InterCity, EuroCity u EuroNight – japplikaw ukoll l-Artikoli 13 u 17 tar-Regolament	sat-3.12.2014 li jista' jiġi estiż		Id-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament hilief dawk stipulati fl-Artikoli 4, 5, 8(1), 9, 11, 12, 16, 19, 20(1), 21(2), 22, 23, 24, 26, 27, 28, 29	bla limitu		Id-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament hilief dawk stipulati fl-Artikoli 4, 5, 7, 8(1), 9, 11, 12, 16, 19, 20(1), 21(2), 22, 23, 24, 25, 26, 27, 28, 29. Għas-servizzi mwettqa bil-ferroviji: Ekspres, InterCity, Express InterCity, EuroCity u EuroNight – japplikaw ukoll l-Artikoli 13 u 17 tar-Regolament	sat-3.12.2014 li jista' jiġi estiż	
Il-Portugall	Id-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament hilief dawk stipulati fl-Artikoli 2(3), 8, 10, 13-17, 18(2), 20(2), 27, 28, l-Artikoli 6-14 u 32 tal-Anness I, l-Anness II, l-Anness III • PT jikkonferma li beħsiebu japplika dawk l-eżenzjonijiet	5 snin		Id-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament hilief dawk stipulati fl-Artikoli 2(3), 8, 10, 13-17, 18(2), 20(2), 27, 28, l-Artikoli 6-14 u 32 tal-Anness I, l-Anness II u l-Anness III	5 snin				
Ir-Rumanija	Id-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament hilief dawk stipulati fl-Artikolu 2(3)	5 snin		Id-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament hilief dawk stipulati fl-Artikolu 2(3)	bla limitu		x	5 snin	
Is-Slovenja			x			x			x
Is-Slovakkja	L-Artikoli 8,13, 15, 17, 18, 21, 22, 23, 25, 28	sat-3.12.2014 li jista' jiġi estiż		Id-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament hilief dawk stipulati fl-Artikolu 2(3)	bla limitu				x
Spanja	L-Artikolu 27	5 snin li jistgħu jiġu estiżi		L-Artikolu 10	bla limitu				x
				L-Artikoli 21-24 u 27	5 snin				
L-Isvetja			x	jridu jiġu determinati					x
Ir-Renju Unit	Id-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament hilief dawk stipulati fl-Artikolu 2(3)	5 snin		Servizzi li ma hargħux liċenzja skont id-Direttiva 95/18/KE. Dawn jirreferu primarjament għas-servizzi lokali li jaqdu ż-żoni urbani u suburbani	bla limitu				x

Nota: din il-lista ta' eżenzjonijiet hija bbażata fuq l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u għalhekk ma tirrappreżenta l-opinjoni jew impenju min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea